MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Numru. 568/2014

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Carlos Cordina)**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Miriam Elabed**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ Miriam Elabed ta’ 21 sena, bint said Elhadi Shaban Elabed u Antonia xebba Zerafa, imwielda Pieta’ it-22 t’ April, 1993, residenti gewwa 182 ‘Dar Niki Cassar’, Triq San Pawl Valletta u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 0212793M.

Akkuzata talli fit-12 ta' Gunju 2014 ghal habta ta' 00:20hrs gewwa Ta' Xbiex u fil-Gzejjer ta' Malta:

1. Talli minn fuq il-persuna ta' Katya Falzon gewwa Ta' Xbiex, ikkommettiet serq ta' telefon cellulari ta marka Nokia Asher b' valur ta' 120 euro, curkett tal-fidda b' valur ta' 80 euro, kartiera ta' nisa b' valur ta' 35 euro, 25 euro flus kontanti, Credit Card tal-BOV, handbag ta' lewn iswed b' valur ta' 15 euro, karta ta' l-identita' Maltija u affarijiet ohra, ghad-detriment ta' Katya Falzon u/jew persuni ohra, liema serq hu kwalifikat bi vjolenza, bil-hin u bil-valur li ma jeccedix elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmi ta' Euro (2329.37c Euro);

2. Talli ukoll fl-istess jum u hin minn fuq il-persuna ta' Amanda Mercieca gewwa Ta' Xbiex ikkommettiet serq ta' kartiera ta' nisa b' valur ta' 25 euro, handbag ta' kulur kannella b' valur ta' 40 euro, karta ta' l-identita' Maltija u affarijiet ohra, ghad-detriment ta' Amanda Mercieca liema serq hu kwalifikat bi vjolenza, bil-hin u bil-valur li ma jeccedix mitejn, tlieta u disghin Euro u tletin centezmi ta' Euro (293.37c Euro);

3. Talli ukoll lf-istess jum u hin minghajr ordni skond il-Ligi tal-Awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arrestajt, zammejt jew issekwestrajt lil Katya Falzon detentrici ta' Karta ta' Identita' 0211085(M) u kif ukoll lil Amanda Mercieca detentrici ta' Karta ta' Identita' 0264287(M), kontra l-volonta' taghhom;

4. Talli ukoll fl-istess jum u hi gewwa Ta' Xbiex heddidt u ingurjat lil Katya Falzon u kif ukoll lil Amanda Muscat bi flixkun imkisser;

5. Talli ukoll fl-istess jum u hin, minghajr ma darbet jew sawtet, heddet bi flixkun jew hwejjeg ohra iebsin lil Katya Falzon u kif ukoll lil Amanda Mercieca;

6. Talli f' dawn il-Gzejjer, xjentement laqghet ghandha hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew xort' ohra sabiex indahlet biex tbieghhom jew tmexxi;

7. Fil-Gzira u/jew fi bnadi ohra f' dawn il-Gzejjer, fil-lejl ta' 13 ta' Gunju 2014 ghall-habta tas-23:30, f' post pubbliku jew f' post espost ghal-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' Prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali;

Akkuzata ukoll talli f' dawn il-Gzejjer nhar 04 ta' Gunju 2014, b' diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti l kisru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda u cioe':-

8. Talli nhar 4 ta' Gunju 2014 gewwa tas-Sliema ghal habta ta' 04:50am, fi Triq ix-Xatt Sliema, ikkommettiet serq ta' telefon cellulari ta' marka iPhone u if ukoll Credit Card tal-B.O.V minn fuq il-persuna ta' Roxanne Bugeja ta' 25 sena, liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-valur, liema ammont ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bil-hin ghad-dannu ta' l-istess persuna Roxanne Bugeja ta' Identita nru. 0547589(M);

9. Kif ukoll talli nhar 04 ta' Gunju 2014 gewwa tas-Sliema, ghal habta ta' 04:30am, fi Triq it-Torri Sliema, ikkommettiet serq ta' sett ta' cwievet b'

valur mhux maghruf u kif ukoll dokumenti minn fuq il-persuna anzjana ta’ Chandru Mohnani ta’ 70 sena, liema serq huwa aggravat bil-hin ghad-dannu ta’ l-istess persuna Chandru Mohnani Karta ta’ Identita nru. 0201227P.

Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena skont il-Ligi tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar is-27 ta’ Gunju 2014 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b’ mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Semghat s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputata, l-Qorti tiddikjara li ma’ ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputata ghenet fil-kors ta’ l-investigazzjonijiet u anke ndikat fejn tinsab ir-refurtiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 262, 267, 270, 86, 339(1)(e), 339(1)(b), 334(a), 280(1), 281(a), 275, 276 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi u tikkundannaha sentejn (2) prigunerija li b’ applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal erba’ (4) snin millum.

B’ applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kodici Kriminali l-Qorti tpoggi lill-hatja taht ordni ta’ supervizzjoni ghall-perjodu ta’ sentejn millum skond il-kondizzjonijiet indikati fl-anness digriet fejn l-Ufficjal Sorveljanti ghandha tkun Marilyn Attard.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Ghal Probation Services u Parole.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------